**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 7 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 19/91B**

**Grezzju Vella u b'digriet tal-10 ta' Novembru 1998 l-atti gew trasfuzi favur Paul Bonavia**

**vs**

**Luke Micallef**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremetta illi l-esponenti huwa proprjetarju ta' porzjoni art u zewgt ikmamar konfinanti ma' Vjal 21 ta' Settembru Naxxar, u retroposti ghall-fond 36, Zenqa Street, Naxxar, liema fond huwa proprjeta' tal-intimat;

Illi dawn il-kmamar flimkien mal-porzjoni art imsemmija huma imqabbla lill-intimat versu l-qbiela ta' zewg liri u hamsin centezmu (Lm2.50c) li jithallsu kull 15 ta' Awissu ta' kull sena b'lura;

Illi l-esponent ghandu bzonn li jiehu lura dawn iz-zewgt ikmamar mar-raba in kwistjoni peress li jrid jaghtiha ghal bini u dan stante li saret fabbrikabbli u jippossjedi ukoll ic-certifikat relattiv tal-PAPB kif jirrizulta mill-anness dokument markat bl-ittra 'A1' u 'A2';

Illi dina ir-raba ma hiex  saqwi skond il-ligi;

Talab lil dan l-Onorabbli Bord li joghgbu (1) jawtorizza lill-esponent ghar-ragunijiet fuq premessi jirriprendi l-pussess tal-imsemmija zewgt ikmamar u raba annessa; u (2) tordna li l-intimat jizgombra mill-imsemmija zewgt ikmamar u raba prevja okkorrendo kull likwidazzjoni opportuna ta' kumpens li jista' jkun dovut lill-intimat skond il-ligi.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess rikors (fol 2 u 3 tal-atti).

Ra ir-risposta tal-intimat (a fol 15 ibid) li biha espona bir-rispett;

1) Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Qorti stante illi hawn si tratta ta' fond urban li minnu hemm access ghal gjardina retroposta w liema gjardina hija parti ntegrali mill-istess fond urban 36, Zenqa Street, Naxxar w ilha tintuza bhala l-gnien ta' l-istess fond minn dejjem.

2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi la darba l-gjardina li minnha qed jintalab l-izgumbrament tifforma parti ntegrali mill-fond urban fuq msemmi, r-rikorrent ma jistax japplika l-provvedimenti ta' l-Att XVI tas-sena 1967 kontra l-esponent.

3) Fl-ahharnett u wkoll minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet billi l-esponent ghandu w dejjem kellu access mill-fond urban fuq imsemmi ghall-gjardina de quo, hu ma jistax jigi zgumbrat mill-gjardina ntiera billi minn naha ta' wara tal-fond urban fuq imsemmi trid bil-fors tithalla dik id-distanza rikjesta mil-ligi bhala bitha fuq in-naha ta' wara tal-fond urban.

4) Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra l-atti kollha inkluza d-decizjoni tal-istess Bord (a fol 17 tal-atti) u li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi <u>Grezzju Vella</u> r-rikorrenti originali, illum mejjet, xehed quddiem dan il-Bord, fi tlett okkazzjonijiet (ara fol 6, 31 u 36 tal-process). Dan kien specifika li hu kien akkwista l-art in kwistjoni matul l-1990. Di fatti hu kien xtara dar ta' abitazzjoni bin-numru 37 (jew 36), Triq Zenqa fin-Naxxar flimkien ma' gjardina fil-waqt li ghamel enfasi li l-istess dar u gjardina kienu <u>fondi separati.</u> Hawnhekk jinghad li testwalment xehed "Ghandi nghid li jiena qieghed nitlob il-<u>gjardina</u> biss, li niehu lura <u>biss il-gardina</u> (u zewgt ikmamar) biex fuqha jsir xi bini u dana skond il-pjanti u il-permessi li hemm esebiti mal-istess rikors"(ara fol 2, 3, 21, 22, 23 u 32 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-intimat sempliciment xehed li "ma qed inkabbar xejn fiha u ilni erba' snin (mill-1 ta' Dicembru 1994) ma nkabbar xejn fl-istess gardina u dana peress li ma niflahx".

Ikkunsidra

Illi il-membri teknici tal-Bord zammew zewg accessi fl-istess gardina. Fil-fatt ir-relazzjonijiet relattivi jinsabu a fol 10 u 61 tal-atti, bl-ewwel wahda inkluza, ukoll, fit-tieni wahda. Hawnhekk jidher li r-raba kien fi stat zdingat hlief ghal roqgha zghira li kienet tidher mahduma. Inoltre is-sigar fl-istess fond kienu jidhru li kienu fi stat ta' abbandun. Inoltre matul l-ahhar tmien snin, ma kien hemm ebda benefikat.

Ikkunsidra

Illi mill-premess jidher evidenti li it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u 1) jawtorizza lir-rikorrenti li jirriprendi l-pussess tal-porzjoni ta' art u zewgt ikmamar konfinanti ma' Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar u retroposti ghall-fond 36, Triq Zenqa, Naxxar u dan skond kif murija fuq il-pjanti annessi mal-atti a fol 3 u 23 liema pjanti ghandhom jifformaw parti integrali ta' din is-sentenza u 2) jordna lill-intimat jizgombra mill-istess zewgt ikmamar u raba u dan sal-15 ta' Awissu 2000.

Mill-premess jidher li l-ebda kumpens ma hu dovut lill-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

A.Calleja
Dep.Reg.